# It-teatru f’San Ġiljan (II)

B’dedika li Luċjan Pullicino (1922-2012)



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Wara li spiċċat il-Gwerra, feġġet il-qawsalla tal-paċi u l-affarijiet f’pajjiżna bdew ġejjin lura għan-normal. F’kull belt u raħal bdew jinbnew ċentri parrokkjali bis-swali u teatru magħhom, reġgħu bdew jinfetħu, jew jinfetħu swali ġodda taċ-ċinema, tal-ballu u divertimenti oħra. Twaqqfu għaqdiet ġodda reliġjużi filwaqt li oħrajn qodma reġgħu bdew jiffunzjonaw fosthom, l-Azzjoni Kattolika. Bdew jitwaqqfu wkoll ċentri ċiviċi, sportivi, u x’naf jien. In-nies riedet toħroġ mix-xeltrijiet mudlama u minflok tibda tiddeverti u taljena rasha biex tnessi l-kruhat li ġabet magħha l-Gwerra. U f’kemm ilni ngħid, l-attività soċjali bdiet tirranka ruħha. Bini li kien iġġarraf b’qillet l-għadu, inħatt u nbena mill-ġdid u miegħu bdew tielgħin binjiet oħra fi stil aktar modern fosthom, xi lukandi lussużi. Il-pajjiż u l-infrastruttura tiegħu bdew jqumu ftit ftit fuq saqajhom. Dan kien il-bidu ta’ rebbiegħa ġdida għal Malta. Ma setax jonqos li, is-subborg ta’ San Ġiljan ma jinħakimx ukoll minn din il-mewġa ġdida. F’dan l-artiklu ser inkompli nlaqqagħkom ma’ aktar attività teatrali ġo San Ġiljan, l-aktar permezz tal-*Melita Open Air Theatre* u t-twaqqif tal-*Kumpanija Filodrammatika San Ġiljan* ta’ Luċjan Pullicino.

Kliem muftieħ: San Ġiljan, Teatru, Teatrin, Melita Open Air Theatre, Sliema Dramatic Company, Star of the Sea Dramatic Company (Sliema), St. Julian’s Dramatic Company, Kumpanija Filodrammatika San Ġiljan, Bonitas Company (San Ġiljan), Carmelo Galea SDB (kittieb), Luċjan Pullicino (attur), Arkivju tal-knisja antika ta’ San Ġiljan Ospidalier ‘Ta’ Lapsi’ (San Ġiljan), Soċjetà Mużikali ‘tal-Karmnu’ (Balluta), Soċjetà Mużikali ‘Spinola’ (San Ġiljan), Każin Banda ‘San Ġiljan’ (San Ġiljan).

**It-teatru Ġiljaniżi tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin**: Inħallu warajna t-teatrini li kienu jsiru fil-ġonna ta’ Palazz Spinola, it-*Teatrino Aurora*, it-*Teatrino San Giuliano* u l-*Kumpanija Filodrammatika Indipendenza*, it-*Teatrino Il Secolo*, u l-kumpanija *Les Amateurs*, u niġu issa biex nitkellmu fuq il-ħolqien ta’ xi kumpaniji ġodda f’San Ġiljan minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija ‘l hawn.

Skont Dun Karm Calleja[1], Dun Furt Axiaq[2], u Dwardu Zarb[3] xi sena wara li Dun Anton Debono kien ħa l-pussess bħala l-kappillan il-ġdid tal-parroċċa ta’ San Ġiljan fil-5 ta’ Marzu 1943, irnexxielu jakkwista b’xejn il-*Melita Open Air Theatre* fi Triq il-Karmnu li kien proprjetà ta’ ċertu Karm Pace Bonello. Dan wassal biex ftit wara titwaqqaf għaqda tat-teatrin magħmula minn seminaristi u xi żgħażagħ tamparhom, kif ukoll xi rġiel. F’qasir żmien, f’dan il-post bdew isiru kull xorta ta’ rappreżentazzjonijiet mill-*Abbatini tal-Parroċċa* għad-divertiment tal-parruċċani meta l-ħbit mill-ajru kien jippermetti. Dan kollu kien isir biex kemm jista’ jkun iżommu l-moral tan-nies għoli. Dawn kienu jinkludu fares - bħal *Mananni ġibli t-Tapp* u *Ġlieda fix-Xelter*, makkjetti u kanzunetti tal-gwerra, u reċti fuq il-mudell ta’ kif kienu jinħadmu s-Salesjani. Dun Furt jiftakar lilu nnifsu kemm kien ikun ferħan iħabrek kemm jiflaħ ma’ xi erbat iħbieb, fosthom Dun Karm, jarmaw palk u xeni, jitħabtu u jiġru għall-materjal, bankijiet u xi siġġijiet; x’ser jivvintaw biex iferrħu, idaħħku, u taparsi jbikku lin-nies bil-praspar tagħhom. Għal Dun Furt dan kien żmien mill-isbaħ li ma jinsieh qatt.

[1] Ara ż-żewġ artikli tiegħu, ‘Tifkiriet ta’ San Ġiljan fi żmien u wara l-aħħar gwerra’ (pġ. 107) u ‘Il-Kappillani Dun Anton Debono u Dun Philip Grech’ (pġ. 215), li ġew ippublikati fil-ktieb ‘San Ġiljan, mitt sena parroċċa 1891 – 1991’.

[2] Ara *Xaqq Dawl*, Lulju 1986, Vol. 10, Nr. 118, pġ. 7 u 10.

[3] Tagħrif mogħti minn Dun Anton Sciberras fil-*Personalia Ġiljaniża* (Dun Anton: Kitbietu Miġbura Vol. 2, pġ. 505). Dwar Zarb, l-awtur jgħid li kellu wkoll vuċi b’saħħitha ħafna u kien ikanta fl-knisja ma’ Dun Artur Fenech fuq l-armonju.

Jihder li Dun Guido, ukoll meta kien għadu seminarista, kien ingħaqad magħhom xi ftit wara peress li fil-kitba tiegħu jgħid li t-Teatrin ta' Strade Carmine kien reġa' trawwem mill-ġdid fl-1946 wara li spiċċat il-gwerra.[4] Il-memorji tiegħu jiddeskrivihom bl-aktar mod vividu daqslikieku reġa' lura f'dak iż-żmien meta kien għadu jirreċta fuq il-palk jew jiġri wara l-kwinti bejn xena u oħra: jiftakar lil Dun Furt u ħuh Piju jsammru u jdendlu x-xeni li kienu jiġu mpittra minn Luċjan Pullicino[5], u lil Dwardu Zarb b'dik il-vuċi tenorili li kienu jdeffsulu fl-intervalli twal biex jimla l-vojt, taparsi fis-sakra, bil-kliem f'ħalqu bla ma jaf x'qed jgħid. Jiftakar ukoll lil Dun Karm dejjem aħmar nar, mifqugħ bid-daħk wara l-purtiera, jidħak sakemm jaqsam qalbu għax Dwardu kien ikun mitluf iħawwad il-kant b'melodiji improvizzati.

Barra dawn it-tifkiriet, Dun Guido jiftakar ukoll xi atturi oħrajn li spiss kien jiltaqa' magħhom fil-kamra tal-vestwarju waqt li kulħadd kien ikun mitluf jipprova xi ġlekk jew qalziet li jiġih biex joħroġ jirreċta l-parti tiegħu. Isemmi b'mod partikolari lil Ġużeppi Cefai, ħu Salvu s-sagristan, li kien iħobb jirreċta imma kellu problema ta' nuqqas ta' smigħ, u ħafna drabi kien jirrispondi b'mod għalkollox differenti minn dak li jkun qed jingħadlu. M'għandniex xi ngħidu, ġieli faqa' lil kulħadd bid-daħk waqt l-aqwa parti serja ta' xi dramm. Skont Dun Guido wkoll, hu u ż-żgħażagħ ta' żmienu kienu jkunu fl-aqwa tagħhom fil-fares jew il-kummiedji. In-nies kienet tiddeverti u fl-istess ħin tidħaq tara lill-atturi jippurvaw jallegraw bla ma jafu kif, anki jekk wara xi żmien dawn kienu ħadu l-esperjenza fir-reċtar u saru midħla tal-palk. Madankollu, il-fatt biss li kienu jaraw il-platea dejjem imballata bil-parruċċani miġburin familja waħda, għal Dun Guido u sħabu l-ġuvintur kien ikun biżżejjed. Wara kollox, dan kien il-għan ewlieni li għalih it-teatrin kien ġie mwaqqaf – biex joffri divertiment onest u nisrani lin-nies tar-raħal. Ir-rappreżentazzjoni kienu jsiru aktarx fil-Ħdud sajfin biss u li għalihom trid tħallas xi ħaġa tal-flus żgħira biex tidħol tarahom.

Kif ser naraw aktar 'l quddiem, it-*Teatru Melita* kien baqa' jservi għall-istess skop għall-ġuvintur u l-irġiel tal-Azzjoni Kattolika matul is-snin ħamsin u sittin tas-seklu għoxrin. Jidher iżda, illi dan it-teatru ma kienx jilqa' fih biss produzzjonijiet imtellgħin mill-għaqda tat-tijatrin li semmejna. Sena qabel ma l-Kappillan Dun Anton Debono ddeċieda li jibda jikrih, l-attur kapaċissmu Nosi Ghirlando, bil-kumpanija tiegħu 'San Girgor', kien ta d-dramm *L-akbar imħabba*, kitba ta' Ivo Muscat Azzopardi (1893-1965).[6]

F'nofs is-snin ħamsin ukoll, kienu jittellgħu xogħlijiet mis-*Sliema Dramatic Company*. Hawn taħt hija lista ta' rappreżentazzjonijiet teatrali ta' wħud mix-xogħlijiet li ttellgħu fil-*Melita Open Air Theatre* u li fihom kienet ħadet sehem l-attriċi Josephine Mahoney[7]. Nimmaġina li, dar-rappreżentazzjonijiet kienu jsiru l-aktar matul ix-xhur sħan tas-sajf peress li t-teatru kien wieħed mikxuf. Ta' min jgħid li, l-ewwel darba li din l-attriċi rreċtat f'dan it-teatru fl-1954 kien proprju mas-*St. Julians' Dramatic Company* fid-dramm[8] *San Ġiljan*, kitba u direzzjoni ta' Luċjan Pullicino. Fl-istess sena wkoll, saret rappreżentazzjoni tal-buzzett, *Dar ix-Xjuħ*[9] ta' Ivo Muscat Azzopardi mis-*Sliema Dramatic Company*. Skont Mahoney ukoll, l-ewwel serati ta' din il-kumpanija Slimiża bdew proprju f'dan it-teatru. Is-sena ta' wara, jiġifieri 1955, kienet impennjattiva ħafna mhux biss għall-attriċi Mohoney, imma wkoll għall-istess *Melita Open Air Theatre*:

[4] *San Ġiljan fi tfuliti*. L-artiklu kien deher fil-*Mixja* t'Ottubru 1989, pġ. 6.

[5] *Nostalġija: Ċirkolu S. Antnin 1949*. Kitba ta' J. M. Ellul li dehret fil-*Mixja* t'Ottubru 1994, pġ. 14.

[6] Agius Muscat Anthony: Maltin f'San Ġiljan – Ivo Muscat Azzopardi. Il-*Mixja*, Marzu 1980, pġ. 11.

[7] It-tagħrif li jinsab fit-tabella t'hawn taħt ġibtu proprju mill-ktieb tagħha 'O Żmien Ħelu ...'

[8] Kitba serja mqassma f'atti u f'xeni; forma ta' traġedja jew melodramm. Is-suġġett jista' jkun soċjali, traġiku, storiku, realistiku, astratt, satiriku, bibliku jew sagru. (Josephine Mahoney: Oh Żmien Ħelu …).

[9] Ivo kien iddedika din il-kummiedja f'taqsima waħda lill-ħabib ta' tfulitu John V. C. Bonello biex jibqa' jiftakar l-Għaqda Filodrammatka *Les Amateurs* ta' San Ġiljan. Ix-xogħol kien ġie stampat fl-*Imprimerie Commerciale Alexandrie*, l-Eġittu fl-1944 u jifforma wieħed minn serje ta' kotba tax-*Xirka Tixrid Qari Malti u Propaganda*. F'dil-kummiedja jieħdu sehem biss tliet atturi – Grezzju u Filumena Xiberras u binhom Turu. Il-ġrajja sseħħ fir-raħal tas-Sannat, Għawdex.

| Isem tax-xogħol | Ġeneru | Awtur | Kumpanija |
|---|---|---|---|
| | | | |
| *L-Abbandunat taħt is-Salib* | Dramm | John Dougall[10] | S.D.C.[11] |
| *L-Omm Ħatja* | Dramm | Ġużè Belli[12] | S.D.C. |
| *It-Tfajla ta' Pompei* | Dramm | Josephine Mahoney[13] | S.D.C. |
| *L-Aħħar Tgħanniqa* | Buzzett | Ivo Muscat Azzopardi | S.D.C. |
| *It-Terribbli Kunjata* | Kummiedja | Ġużè Orlando | S.D.C. |
| *Tort tal-Kelb* | Farsa[14] | Patrick Mahoney[15] | S.D.C. |
| *L-Għerusija* | Skeċċ[16] | B. Casha | S.D.C. |
| *Il-Bluha tax-Xjuħija* | Skeċċ | Stephen Cassar[17] | S.D.C. |
| *L-Emigration* | Skeċċ | Stephen Cassar | S.D.C. |
| *Islifni l-Mara* | Farsa | | S.D.C. |
| *Xi Mkien Police Station* | Farsa | Kalċidon Agius[18] | S.D.C. |
| *Il-Birthday tal-Kunjata* | Farsa | Stephen Cassar | S.D.C. |
| *Oħt l-Agħma* | Dramm | | S.D.C. |

Skont il-lista ta' Mahoney ukoll, fl-1959 kien ittella' d-dramm reliġjuż, *Il-Leġġenda ta' San Ġiljan* mill-Kumpanija San Ġiljan taħt id-direzzjoni ta' Luċjan. Jidher li din kienet l-aħħar produzzjoni li fiha ħadet sehem Mahoney ma' din il-kumpanija teatrali Ġiljaniża f'dan it-teatru partikolari. Madankollu dan ma jfissirx li, wara din id-data hi ma baqgħetx tirreċta f'dan it-teatru ma' din l-istess kumpanija Ġiljaniża, jew dik Slimiża, jonkella xi oħra li ma nafux biha.

**Luċjan itiha għall-palk**: Jidher li, il-ħajja tal-palk għal Luċjan bdiet meta daħal jirreċta mal-kumpanija teatrali *Star of the Sea Dramatic Company* li kienet twaqqfet wara l-Gwerra l-Kbira fl-1947. Bħal ħafna atturi żgħażagħ oħrajn, Luċjan beda jitrawwem bħala attur taħt Dun Ġorġ Zammit[19] meta kellu dawk il-25 sena. Issa, jekk Luċjan kienx jirreċta bħala attur xi mkien ieħor qabel ma' daħal fi ħdan din il-kumpanija Slimiża, wieħed ma jistax jgħid, imma jidher li din in-namra għat-teatru twieldet proprju minn hemmhekk. Kien hawn ukoll li Luċjan sar jaf lil Carmelo Galea[20] Sależjan.

---

[10] Attur u kittieb. Direttur tal-Għaqda Talent. Fl-1955 kienet ittella' drammi oriġiniali tiegħu stess l-aktar fir-*Radio City Opera House*, il-Ħamrun. (Josephine Mahoney: Oh Żmien Ħelu … , pġ. 50).
[11] **S**liema **D**ramatic **C**ompany.
[12] Awtur ta' dan id-dramm oriġinali u oħrajn, u ta' poeżiji popolari li kienu jidhru fil-kotba tal-festa bħal dawk li kienu joħorġu mill-uffiċċju parrokkjali ta' San Gejtanu, il-Ħamrun.
[13] Arranġament. Kienu saru żewġ rappreżentazzjonijiet fl-istess teatru.
[14] Xogħol teatrali miktub biex idaħħak ukoll jekk jittratta sitwazzjonijiet vojta u bla sens; l-iskop tiegħu hu bħal tal-*burlesque,* li tikkonsisti f'kitba li l-għan tagħha hu li tirredikola u ddaħħak b'mod eżaġerat minn fuq dahar xi personaġġ ta' ċerta dinjità jew suġġett serju. (Josephine Mahoney: Oh Żmien Ħelu …).
[15] Tenur, attur u direttur.
[16] Kitba komika u qasira bi ftit xeni, persunaġġi mill-inqas. (Josephine Mahoney: Oh Żmien Ħelu …).
[17] Attur u kittieb.
[18] Min-Naxxar. Attur komiku u kittieb ta' għadd ta' buzzetti, drammi, fares, filmijiet, kummiedji, uħud minnhom soċjali, operetti, u vudvilli. Kellu aktar minn kumpanija teatrali waħda tiegħu fi żmenijiet differenti bbażati fin-Naxxar stess, u li bihom dar tista' tgħid is-swali tat-teatru l-aktar popolari kollha ta' żmienu.
[19] Dun Ġorġ Zammit (6.xii.1900 - 24.i.1987): Twieled f'Tas-Sliema minn Ġużé u Rosa Marija, imwielda Buttigieg. Ordnat qassis fl-1929. Ħabrek biex titwaqqaf il-kumpanija teatrali bil-għan li jqarreb in-nies lejn rikreazzjoni onesta permezz ta' drammi bibliċi, reliġjużi, u mqar makjetti, għana Malti, u xi farsa ħelwa. Kien jemmen li bit-talent li kellhom iż-żgħażagħ ta' madwaru seta' jwassal messaġġ nisrani permezz ta' kultura soda. Il-kumpanija tiegħu kienet ittella' rappreżentazzjoni f'Tas-Sliema, fi swali parrokkjali u teatri oħra madwar Malta u Għawdex.
[20] Carmelo Galea SDB (16.viii.1890 - 29.vii.1973): Twieled B'Kara. Fl-1901 mar joqgħod Tas-Sliema fejn daħal Aspirant mas-Sależjani f'St. Patrick's. Għamel xi snin barra għan-Novizzjat u l-Ewwel Professjoni, u mill-1933 'il quddiem insibuh jgħix dejjem fl-Oratorju San Alfons f'Tas-Sliema. Kien responsabbli mill-produzzjonijiet teatrali mill-*Għaqda Filodrammatika San Ġinesju*. Ġieli rreċta fix-xogħlijiet li jikteb u jidderieġi hu stess. Il-ħsieb ewlieni f'kitbietu kien biex ixerred il-valuri nsara fost dawk li jiffrekwentaw it-teatru tas-Sależjani. Fid-daħla għall-ktieb tiegħu 'Kitarristi u Għannejja



Fir-ritratt tal-ġenb jidher Carmelo Galea, liebes is-soltu libsa ntiera ta' lewn fjordilatte u ngravata skura, u liebes il-lobbja[21] qed jagħmel l-aħħar irtokki fuq wiċċ Luċjan qabel ma dan joħroġ fuq il-palk. Minn dan ir-ritratt joħroġ ċar li, is-Sur Carmelo Galea u Luċjan Pullicino kienu midħla ta' xulxin. Minn din il-ħbiberija mbagħad, kienu nibtu l-famużi versi min-naħa ta' Galea tal-*Innu Marċ Banda San Ġiljan* u l-*Innu Reġina tal-Karmelu* għall-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq.

Ġara iżda li, wara xi ftit taż-żmien, Luċjan, bħal ħafna atturi oħrajn ta' żmienu, xtaq li jwaqqaf kumpanija teatrali fir-raħal tiegħu. Dan il-fatt tikkonfermah Josephine Mahoney meta, fil-ktieb tagħha 'Oh żmien ħelu … il-palk, ir-radju u jien' tgħid hekk: "Dun Ġorġ dejjem hekk kien jiġrilu; l-ewwel irawwem l-atturi, imbagħad, meta jqumu fuq saqajhom iħalluh u … jiffurmaw oħra għal-rashom." Fost dawn, issemmi lil Luċjan li kien 'telaq biex jgħaqqad is-*St. Julian's Dramatic Company.*'

**It-twaqqif tal-*Kumpanija Filodrammatika San Ġiljan***

18. *San Ġiljan hu l-għaxqa tiegħi,*
*kumpanija semmejtha għalih,*
*Ippreżentajt il-ħajja tiegħu,*
*Fejn spiċċat b'unuri sbieħ.*

19. *Ġo Deporres Hall Tas-Sliema,*
*Postijiet kollox bil-fier,*
*In-nies ħadu pjaċir bil-leġġenda,*
*Ta' San Ġiljan l-Ospitalier.*

20. *Meta kelli Teatru Melita*
*Issemmew fuq il-Gwida,*
*Reċti kbar li kont nagħmel,*
*Benefiċċju għall-knisja l-ġdida.*

San Ġiljan, inħobbok Ħafna! (2002). [Silta minn poeżija awto-bijografika ta' Luċjan Pullicino]

**L-inawgurazzjoni tat-Teatru Melita**: Mill-ktieb ta' Josephine Mahoney issa rridu mmorru fl-arkivju tal-knisja l-qadima ta' Lapsi. Mill-programm t'attivitajiet fl-okkażjoni ta' għeluq il-25 sena mit-twaqqif taċ-Ċirkolu 'San Ġiljan', Fergħa Rġiel, insiru nafu li t-*Teatru Melita* kien ġie inawgurat bħala sede u sala parrokkjali tal-A.K. nhar it-12 ta' Ġunju tal-1949.[22] Jekk imbagħad inqallbu ftit fil-

Maltin' l-awtur jgħid li kiteb 'il fuq minn 100 biċċa xogħol għall-palk, u li minnhom ippubblika għaxar kotba. Max-xogħol tal-palk, hu ħabb ukoll il-poeżija għalkemm jistqarr li qatt ma kellu 'pinna tad-deheb għaliha'. Kien jgħodd ruħu 'bħala l-iċken poeta Malti'.

[21] Kappell ċilindriku, b'għafsa min-naħa ta' fuq, u bil-faldi u b'faxxa mad-dawra li kien jintlibes mill-irġiel sas-snin sittin tas-seklu l-ieħor

[22] Fil-bullettin *Xaqq Dawl* ta' Lulju 1949, l-I Sena, Għadd Nru 3, pġ. 2, insibu li dakinhar filgħodu tal-inawgurazzjoni tas-Sala Kattolika kienet saret Quddiesa Soċjali bil-Fervorin mill-Ass. Ekkles., u Tqarbina Ġenerali. Fl-10 ta' filgħodu tbierket mill-Kappillan Dun Anton Debono u sar diskors qasir mis-Sur J.M. Demanuele, għalliem u ġurnalista. Wara kien hemm riċeviment imħejji mis-Sur Leone Cefai. Dan kien jikkonsisti f'mejda tal-għarajjes mimlija b'kull xorta ta' ħelu tajjeb, birra, luminata, *Orange Crush*, fjuri, u x'naf jien. Kien imiss imbagħad lill-Kappillan biex jaqsam il-*Birthday Cake*. Il-papru li ttella' bix-xorti kien intrebaħ mill-Aspirant Vincent Attard. Jidher li, l-ewwel rappreżentazzjoni teatrali f'dan it-teatru kienet saret miċ-Ċirkolu San Girgor ta' Tas-Sliema dakinhar stess waqt is-serata ta' filgħaxija.




bullettini parrokkjali *Xaqq Dawl*[23] insiru nafu li, Luċjan kien diġà membru ħabrieki fi ħdan il-Fergħa Rġiel tal-Azzjoni Kattolika ta' San Ġiljan sa mit-twaqqif tagħha minn Dun Anton Debono fid-19 ta' Jannar tas-sena msemmija.[24] Infatti, fl-ewwel ħarġa tal-bullettin mensili ta' Mejju 1949, l-I Sena, Għadd Nru 1, pġ. 4, f'dawk li huma rikreazzjonijiet insibu mniżżel hekk: 'Id-Direttur tal-Kumpanija Filodrammatika rnexxielu jifforma kumpanija ta' dilettanti u qiegħed iħejji dramm kolossali.' Id-Direttur kien wiegħed li, meta dan id-dramm jiġi muri fuq il-palk, il-pubbliku kien ser joħroġ sodisfatt żgur.

Xahrejn biss wara, fil-ħarġa ta' Lulju 1949, l-I Sena, Għadd nru 3, fit-taqsima – talkies, teatrin u ping-pong, kienet ingħatat l-aħbar li, '…ma ndumux ma jkollna il-kumpanija tagħna wkoll … imgħallma mis-Sur Luċjanu Pullicino.' Imbagħad, fil-ħarġa t'Ottubru 1949, l-I Sena, Għadd nru 6, il-korrispondent jgħarrafna li, fil-ġurnata tal-festa ta' San Tarċisju, il-Patrun tal-Aspiranti tal-A.K., 'wara l-quddiesa, fiċ-Ċirkolu kien hemm trattament tassew sabiħ u ta' min ifaħħru, imferraħ mill-orkestra tal-ħabrieki Lucianu'. Filgħaxija, 'l-Aspiranti wettqu programm teatrali mżewwaq b'ħafna makkjetti[25] u kanzunetti akkompanjati mill-orkestra taċ-Ċirkolu.' L-istess korrispondent jgħarrafna wkoll li fl-10 ta' Settembru ta' dik is-sena, il-Kumpanija *Gioventù Kattolika* tal-Belt Valletta kienet ippreżentat il-kummiedja mużikali, *Iz-zija ta' Karlu*, fit-Teatru Melita. Dwar din il-produzzjoni, 'Dilettant' kien ikkumenta f'artiklu li deher fil-ġurnal *Leħen is-Sewwa* tas-Sibt 24 tal-istess xahar. L-istess avviż dwar din il-kummiedja mużikali kien ġa deher fil-ħarġa tal-bullettin tax-xahar ta' qabel (Għadd nru 5), li jfisser li din kienet saret qabel ma dan laħaq ħareġ. Fir-ritratt t'hawn fuq jidhru, mix-xellug għal-lemin, Luċjan qed iżomm f'idejh u jħares lejn ras maqtugħa tal-kartapesta – aktarx maħduma minnu stess, Ġiġi ta' Pawlina, u Ġużeppi Pulliċino, kuġinuh. Skont it-tagħrif li hemm fuq il-kanipew[26], ir-ritratt ittieħed dakinhar li kellu jsir xi dramm imtella' mill-kumpanija ta' Luċjan ġewwa t-teatru tas-Sależjani. Ir-ritratt kien ittieħed minn fotografu ta' *Regent Studio* ta' Tas-Sliema. (Dan ir-ritratt ittieħed fl-istess okkażjoni tal-ieħor fejn hemm is-Sur Carmelo Galea qed jirtokka lil Luċjan.)

U biex inkomplu ftit fuq l-orkestra taċ-Ċirkolu, anke meta saret l-ewwel Gara Katekistika f'San Ġiljan, (pġ. 6 tal-bullettin nri 7 – 8, l-I Sena, Novembru – Diċembru 1949) kien ġie rrapurtat li, 'il-mużika taċ-Ċirklu ġiet immexxija mis-Sur Leone Cefai fuq l-armonju u s-Sur L. Pullicino.' Din l-orkestra kienet magħmula minn 'kiterra (li aktarx kien idoqqha Luċjan stess), vjolini, akkordjons, fifri … insomma kollox *a completo*.'[27] L-istess paġna 6 kienet ġabet ukoll lista ta' kif kellu jkun imqassam il-

---

Is-Sala Kattolika kienet tinsab fit-Teatru Melita fi Triq il-Karmnu, u fis-sajf kienet isservi anki ta' Ċirkolu tal-A.K. San Ġiljan. Il-parroċċa kienet kriet dan il-post mingħand is-Sur Ġużeppi (Ġużè) Pace Bonello, prokuratur legali, għall-prezz, dak iż-żmien għoli, ta' £100 fis-sena.

[23] Dan il-bullettin (aktar tard parrokkjali) kien jinħareġ mill-ġuvintur taċ-Ċirkolu Sant' Antnin, Azzjoni Kattolika ta' San Ġiljan bejn is-snin 1949 u 1955.

[24] Ara l-ewwel ħarġa tal-bullettin *Xaqq Dawl* ta' Mejju 1949, pġ. 2, Mid-djarju taċ-Ċirkolu tagħna.

[25] Skont l-istess bullettin, ħafna minn dawn il-makkjetti kienu nstemgħu wkoll fuq ir-*Rediffusion* minn Aspiranti oħra.

[26] Dan il-kanipew kien ikun fid-tond jew kwadru mibni m'ogħla xi pied u nofs li jkun mgħotti b'biċċa drapp sabiħa tal-bellus jew tad-damask. Din kien ikollha rrakkmat fuqha b'ganza tad-deheb l-inizjali tal-isem tal-kumpanija li tkun qed tippreżenta s-serata. Mad-dawra tax-xifer kienet imberfla wkoll bi frenza ta' lewn id-deheb. Il-kanipew kien jgħatti s-suġġiera li kienet tkun fetħa żgħira ta' xi żewġ piedi jew tlieta f'xifer ir-ribalta tal-palk, u li kont titla' għaliha minn taħt il-palk permezz ta' skalapiża. Fiha kien jidħol jistaħba s-suġġeritur, li xogħlu kien li jgħin 'il-atturi jiftakru l-battuti tagħhom.

[27] Fil-paġna ta' wara, il-korrispondent, fuq ton ċajtier, ikompli jirrimarka hekk: 'X'inhuma Verdi, Mozart, Camilleri, Cirillo ħdejn il-mużiċisti tagħna. Prosit tassew, nawgurawlhom. Ħadd ma kiber f'daqqa.'

programm tal-Milied għal dik is-sena. Fost attivitajiet oħra dan kellu jinkludi, operetta u farsa għat-tfal kollha tal-parroċċa l-għada tal-Milied, u *Nativity Play* u farsa għall-barranin fis-6 ta' Jannar 1950.

Storja oħra ferm interessanti li toħroġ minn din il-paġna hija li, fis-sajf tal-1949 xi Ċirkoli kienu bagħtu 'l-kumpaniji filodrammatiċi tagħhom biex jagħmlu konkors fiċ-Ċirkolu ta' San Ġiljan. Dan il-konkors kien sar fi żmien meta l-kumpanija teatrali Ġiljaniża kienet għadha qiegħda tagħżel l-atturi minn fost l-imseħbin taċ-Ċirkolu biex tibda tħarriġhom fl-arti tal-palk. Madankollu, l-artikolista kien konvint li, sas-sena ta' wara kellhom ikunu huma stess li jmorru jduru ċ-Ċirkoli u juru l-programmi tagħhom. Fl-istess waqt, kien ingħata parir lid-Direttur tal-Kumpanija u lill-atturi tat-tijatrin biex jaqraw sewwa l-artiklu fuq l-A.K. u l-palk li kien deher fil-*Ħuġġieġa* ta' Ottubru tal-istess sena. Fl-istess ħarġa kien tħabbar wkoll, it-twaqqif tal-iskola kantorum taċ-Ċirkolu u tal-Parroċċa. It-taħriġ fil-kant lill-Aspiranti kellu jkun f'idejn is-Sinjuri Portelli u Cefai. Jidher li, dan il-kor kien ġa nbeda minn Dun Karm Calleja, li sa dak iż-żmien kien għadu seminarista, fis-sajf ta' qabel meta kanta fit-Tridu tal-festa ta' San Ġiljan. Ix-xewqa tal-artikolista kienet li l-Aspiranti jkantaw ukoll fil-quddiesa tal-Milied.




U dejjem b'rabta mat-twaqqif ta' kumpanija teatrali, fil-ħarġa ta' Frar 1950, l-I Sena, Għadd Nru 10, fl-aħħar paġna nsibu rappurtat hekk: 'Aħbar tajba oħra hija l-għaqda tal-*Kumpanija Filodrammatika* komposta minn irġiel u ġuvintur [28] taħt id-direzzjoni tas-Sur Luciano Pullicino. L-ewwel rappreżentazzjoni tal-Kumpanija sejra tkun fil-Karnival. Nawgurawlu suċċessi sbieħ.' [29] Is-serati kienu mifruxin fuq it-tlitt ijiem tal-Ħadd, it-Tnejn, u t-Tlieta ta' bejn id-19 u l-21 ta' Frar 1950. Il-programm mimli daqs bajda kien jinkludi buzzett, farsa, makkjetti [30], u kanzunetti, bis-sehem ukoll tal-orkestrina tal-Ċirkolu li kien għaqqad Luċjan stess lejn tmiem is-sena ta' qabel (jiġifieri f'Diċembru tal-1949). Għal din is-serata inawgurali kulħadd kien mistieden u l-prezz tad-dħul kien wieħed 'popolari'.

Kull bidu huwa iebes, jgħid il-Malti. U l-kumpanija li kien waqqaf Luċjan ma kenitx eċċezzjoni, tant li, il-kritiku anonimu taħt in-*nom-de-plume* ta' *Criticus* kellu dawn il-preċiżi kelmiet x'jikkumenta fuq ix-xogħlijiet li ttellgħu fl-ewwel serata. Inġibuhom kelma kelma kif dehru fil-paġna ta' wara tal-ħarġa Nru 11, l-ewwel sena, Marzu 1950 f'artiklu ntitolat 'Il-Karneval fiċ-Ċirkolu':



Il-*Kumpanija Filodrammatika* taċ-Ċirkolu taħt id-direzzjoni tal-imsieħeb Luciano Pullicino, dehret għall-ewwel darba quddiem il-pubbliku. Buzzett [31] u żewġ fares [32] iffurmaw l-ewwel programm. F'din l-ewwel rappreżentazzjoni kien hemm ħafna affarijiet ta' min jikkritika, speċjalment fl-imġiba fuq il-palk; imma ħafna mill-atturi dehru fuq il-palk għall-ewwel darba, u kollha kienu jafu l-parti tagħhom tajjeb. In ġenerali, jidhrilna li l-ewwel rappreżentazzjoni kienet suċċess.

*L-Għassa ta' lejliet Lapsi* kienet ħelwa, imma, f'ċerti punti, xi atturi kienu

[28] Il-biċċa l-kbira tal-kumpaniji tat-teatrin kienu jimxu skont kif kienet tiddetta l-kultura ta' dak ż-żmien.

[29] Skont *Xaqq Dawl* ta' Mejju 1949, pġ. 2, insibu li, fil-Karnival tas-sena msemmija, Dun Anton Sciberras kien organizza kumpanija tat-tijatru bejn il-ġuvintur u t-tfal. Din l-attività kienet tikkonsisti 'f'żewġ reċti li ħallew kemxa qligħ ġmielha u rrikrejaw lil ħafna nies.'

[30] Skeċċ komiku qasir.

[31] Att wieħed b'suġġett serju. Aktarx ikun qasir u bi stil mexxej.

[32] Jinkiteb biex idaħħaq anki jekk jittratta sitwazzjonijiet vojta u bla sens.

ftit esaġerati.

> *L-Istrument tal-Għaġeb* ingħoġob ħafna. It-tabib tal-annimali kien nieqes minn poża iżjed dinjituża u eċċentrika; Spiru m'għandux jesaġera l-vuċi iżżejjed waqt li jkun jitkellem. Il-kanzunetti ta' Spiru, speċjalment it-ton fuq l-'Ispanjola', għoġbuna tassew. Però l-kwartett ma żammx it-temp sewwa mal-orkestra. Ċikku kien tajjeb għaliex kien naturali fl-imġiba tiegħu. Il-ħanżira kienet kwieta wisq – verament kienet marida sewwa u t-tabib kellu biċċa xogħol biex ineħħi dak l-imbarazz minn ġo żaqqha, kitarra, ħwejjeġ, għasafar ħajjin etc. etc. Il-*messa in xena*[33] kienet tajba, imma l-mewt għandha jkollha wiċċ ta' katavru iżjed.
>
> Il-mod kif ħadem is-separju kien tajjeb, l-ispiża li saret għall-armar il-ġdid ma kenitx ta' xejn.
>
> Kulħadd għen biex tirnexxi l-ewwel serata, u milli rajna, il-programm li din il-Kumpanija żagħżugħa sejra ta(għ)ti wara ir-Randan sejjer ikun suċċess ukoll. Nifirħu lid-Direttur, is-Sur Luċjanu, u lill-atturi kollha irġiel u Ġuvintur, u nawgurawlhom suċċessi sbieħ għall-istaġun li ġej.

Sfortunatament, fil-ħarġa *Xaqq Dawl* li ħarġet eżatt wara ma sibt l-ebda informazzjoni dwar il-programm li l-kumpanija ta' Luċjan kellha ttella' wara r-Randan. Fil-fatt, din kienet l-uniku darba li qrajna x'kellu jgħidilna *Criticus* mill-paġni ta' dan il-bullettin. Madankollu, fil-paġna 'Ħajja Ħidma' tal-ħarġa ta' Lulju 1950, it-II Sena, Għadd Nru 15, insibu lill-editur jilmenta dwar nuqqas ta' dixxiplina min-naħa tal-atturi u li kellhom joqogħdu għall-ordnijiet tad-Direttur. Fl-istess nifs, ifaħħar lill-Kumpanija 'S. Ġiljan' tas-suċċess li kienet qed tikseb wieħed wara l-ieħor. L-editur jagħlaq din in-nota billi jwissi li, 'il-palk huwa ħaġa tajba, imma huwa MEZZ biss, u mhux l-iskop ewlieni tal-Azzjoni Kattolika.' Fl-istess ħarġa mensili wkoll, l-editur kien talab lil ċertu PAM biex jibda jikteb xi ħaġa milli jaf hu għall-bullettin tal-Ġuvintur. Ġara iżda li, billi l-Kumpanija 'San Ġiljan' kienet għadha fil-bidu tagħha, PAM ħass li kienet ħaġa adattata ferm li jikteb fil-qosor dwar l-istorja tat-teatru. Dan l-artiklu fil-fatt ħadlu żewġ paġni u nofs, li huma ħafna għal bulletin ta' 12-il paġna biss.

Fil-ħarġa tax-xahar ta' wara t'Awwissu 1950, it-II Sena, Għadd Nru 16, kien imiss lill-editur biex jilmenta dwar il-fatt li t-talkies u t-teatrin ma kinux qegħdin iħallu qligħ biżżejjed peress li dawn kienu joperaw biss fix-xhur sħan tas-sajf minħabba li ċ-Ċirkolu kien għal beraħ. Huwa lmenta wkoll mill-fatt li, il-ħidmiet kienu neqsin għal kollox mill-organizzazzjoni u ma kenitx qed issir propaganda biżżejjed permezz ta' kartelluni, manifesti, gazzetti u r-*Rediffusion*. Biex tkompli tagħqad, fix-xahar ta' Settembru 1950, il-ħidmiet rikreattivi fi ħdan l-Azzjoni Kattolika kellhom jiġu sospiżi minħabba l-epidemija tal-paraliżi. Din it-twissija laqtet wkoll lit-teatru u t-talkies.[34]

Min-naħa tiegħu, il-bullettin parrokkjali ta' Diċembru 1950, it-II Sena, Għadd Nru 20, jirrapporta li, wara l-laqgħa li saret fid-29 ta' Ottubru tal-istess sena, kien intlaħaq ftehim bejn iż-żewġ Presidenti, ir-Rev. Kappillan u l-Ass. Ekkles. Dun Anton Sceberras, biex iż-żewġ Kumitati tal-irġiel u l-Ġuvintur

---

[33] Din il-kelma tirreferi għall-armar tal-palk skont ix-xena li ngħidu aħna tista' tinkludi xi għamara u hekk.

[34] *Xaqq Dawl*, Ottubru 1950, it-II Sena, Għadd Nru 18, pġ. 3. Fl-istess ħarġa wkoll, insibu artiklu minn *Dilettant* fuq l-Azzjoni Kattolika u t-teatru f'paġna 7, fejn jgħid li, hi qed tinqeda bil-mezz tiegħu 'biex tagħti rikreazzjoni leċita u edukazzjoni kattolika lill-imseħbin tagħha u lis-Soċjetà.' L-istess A.K. kienet tisħaq li, 'it-teatru huwa sempliċi mezz u mhux l-iskop tagħha', u li 'kemm id-direttur u kemm dawk kollha li jieħdu parti fir-rappreżentazzjonijiet għandhom joqogħdu attenti li t-Teatru ma jsirx l-iskop ewlieni tas-Soċjetà.' L-artiklu jkompli jżid jgħid li, dan irid ikun organizzat tajjeb fejn 'id-dixxplina u l-ubbidjenza lejn id-direttur' jiġu l-ewwel u qabel kollox. Huwa jesiġi wkoll għall-attendenza regolari min-naħa tal-atturi, filwaqt li min-naħa tiegħu, id-direttur 'għandu jistudja il-fehmiet ta' sħabu u l-pariri ta' min għandu esperjenza fil-palk.' Peress ukoll li, id-direttur huwa delegat maħtur minn, jew bil-kunsens tal-Presidenza, kemm hu, kif ukoll l-atturi 'għandhom jobdu l-ordnijiet tagħha u jinfurmawha bl-attivitajiet tagħhom.' Kull min kien adattat għall-palk seta' jieħu sehem bl-approvazzjoni tad-direttur. Dawk l-oħrajn li ma kinux imma kienu mħajrin kienu jiġu mħarrġa minnu jew mid-delegat tiegħu. Id-direttur u l-atturi kellhom jaħdmu id f'id flimkien fi spirtu ta' għaqda waħda bħala membri tal-A.K. għal ġid tas-Soċjetà.

jiltaqgħu f'seduta bl-iskop li ssir riorganizzazzjoni sħiħa. Fost ir-riżoluzzjonijiet li ttieħdu: (2) 'it-Teatru Melita jibqa' ċ-Ċirkolu tal-Ġuvintur u jibqa' jissejjaħ 'Ċirkolu Sant' Antnin'; (5) it-Talkies u t-Tijatrin jibqgħu isiru fit-Teatru Melita u jkunu taħt id-direzzjoni tas-Sur Giuz. Zammit, raġel li jista' jitlob l-għajnuna kemm tal-Irġiel u kemm tal-Ġuvintur; (6) l-Amministratur tad-dħul tal-flus mit-Talkies u t-tijatrin jibqa' is-Sur Leone Cefai.[35] Aktar tagħrif fuq din il-kumpanija teatrili nsibuh f'*Xaqq Dawl* t'April 1951, it-II Sena, Għadd Nru 20, pġ. 9 fejn jgħid li, 'it-Tnejn 19, Smajna fuq ir-*Rediffusion* il-bidu tat-Trasmissjoni tal-Passjoni. Fost l-atturi li ħadmu dan ir-*Radio-Play* daħlu wkoll iċ-Ċirkolu tal-irġiel tagħna, fosthom G. Zammit, L. Pullicino, G. Portelli, u G. Aquilina. Prosit.' Fl-istess paġna wkoll: 'is-Sibt 24 il-Kumpanija Filod. Tal-Azz. Katt. taħt id-direzzjoni tas-Sur G. Zammit bdiet l-istaġun tat-tijatrin bi dramm ħelu u farsa kollha daħq.'


Iż-żagħżugħ Toninu Xiberras li mbagħad laħaq qassis fl-1948 (Ritratt awtografat)

**Radjodrammi**: Din ma kenitx l-ewwel u l-aħħar darba li atturi tal-A.K. ħadu sehem f'radjodrammi simili fuq ir-*Rediffusion*. Infatti, f'paġna 5 ta' *Xaqq Dawl* Għadd Nru 30, it-Tielet Sena, Ottubru 1951, deher l-avviż li ġej: 'impenji oħra tal-A.K.: Il-Ħadd 14: minn fuq ir-*Rediffusion* tisimgħu lill-Irġiel tal-A.K. jaħdmu fis-*Siegħa tal-Morda* ir-*Radio-Play* ta' Dun Anton Xiberras 'Ittama f'Alla' fuq il-Missjoni.'[36] L-istess avviż kien deher f'*Id-Djarju tan-Naxxar* ta' Settembru 1951, Għadd 22, pġ. 94, fejn isemmi saħansitra l-atturi kollha li ħadu sehem: G. Zammit, L. Cefai, T. Balzan, G. Aquilina, M'Anna D'Albanese, C. Calleja, u G. Portelli 'li nqala' tajjeb fil-parti tan-Narratur'. Il-programm is-*Siegħa tal-Morda* kien produzzjoni tal-A.K. Maltija u kien jixxandar kull ħmistax minn fuq ir-*Rediffusion*. U peress li l-Ġurnata Missjunarja kienet fil-qrib, Dun Anton kien intalab biex jikteb radjodramm dwar suġġett missjunarju. L-istorja ta' 'Ittama f'Alla' titratta dwar Seminarista Ċiniż, adottat minn Malta, li kellu jieqaf ħesrem mill-istudji tiegħu u jmur jaħdem fil-minjieri wara li sar jaf li missieru ġie akkużat inġustament li seraq. Kien biss bis-saħħa tat-talb tal-benefattriċi tiegħu, Marija, xebba Maltija, li Rajmondu ssokta bl-istudji tiegħu u eventwalment laħaq saċerdot.

*Id-Djarju tan-Naxxar* ta' Ġunju 1952, Għadd nru 25, is-Seba' Sena, pġ. 44, ikompli jiżvelalna aktar radjodrammi mill-pinna ta' Dun Anton li ttellgħu mill-kumpanija teatrali tal-A.K. ta' San Ġiljan taħt id-direzzjoni tal-istess awtur. Fost dawn jissemmew tlieta 'li kienu miktuba għal tlitt okkażjonijiet differenti ta' festi Missjunarji'. Dawn it-tliet radjodrammi aktar tard Dun Anton kien ġabarahom fi ktieb imżewwaq bl-istampi jismu 'Sehem Ċkejken u Żewġ Buzzetti Oħra'. Il-ktieb t'erbgħin paġna kien ġie stampat l-Empire Press fl-1952. Dawn huma l-ismijiet tat-tliet buzzetti: 'Il-Messaġġ tal-Lum', li kien inħadem fil-festa tas-Santa Infanzja tal-1950, 'It-Triq tat-Tama', għall-okkażjoni tal-Ġurnata Missjunarja tal-1951, u 'Sehem Ċkejken', għall-okkażjoni tal-Jum il-Morda għall-Missjoni tal-1952. Dun Anton kien iddedika dan il-ktieb lil ommu Karmela li mietet f'San Ġiljan fit-28 ta' Frar 1951.

Skont reċensjoni ta' dan il-ktieb u oħrajn li dehret fir-rivista letterarja *Il-Malti* ta' Marzu 1953 – l-istess artiklu kien ġiet riprodott kelma b'kelma minn Dun Anton stess f'*Id-Djaru tan-Naxxar* ta'

---

[35] Kien responsabbli mill-bar tat-*Teatru Melita* li, fix-xhur tas-sajf kien iġib il-kera ta' mitt lira. It-teatru kien mikri b'din is-somma lill-parroċċa fis-sena mill-prokuratur legali, is-Sur Ġużè Pace Bonell biex iservi ta' sfog għall-ġuvintur u l-irġiel tal-Azzjoni Kattolika fi żmien il-kappillan Debono. Cefai kien neguzjant tal-ħwejjeġ u wieħed mill-ewlenin membri tal-A.K. fi żmien Dun Guido.

[36] Fil-lista ta' xogħlijiet stampati ta' dan l-awtur insibu wkoll: *Sehem Ċkejken* u tliet buzzetti oħra (prezz 3d), *Dwal* (antoloġija ta' stejjer u poeżiji għat-tfal fuq suġġetti missjunarji u mżewwaq b'ħafna stampi), *Mogħdija taż-żmien* (ġabra ta' logħob, ċajt u ħrejjef), u erba' rumanzi missjunarji, *Demm tal-Martri, Il-Wieħed u Ħamsin, Fior di Loto* u *Ben Said, ir-Rajjes tal-Iġmla tal-Mahdi*. Dan tal-aħħar kien jinbiegħ għall-prezz ta' 1s. 8d. Biss.

Ġunju tal-istess sena, Għadd Nru 29, it-Tmien Sena, pġ. 54 – insiru nafu li dawn it-tliet 'xogħlijiet drammatiċi ċkejkna magħmulin għal fuq ir-radjo' huma 'kollha ibbażati fuq iċ-ċaħda tad-dinja u s-sagrifiċċi ta' membri tal-familja biex jagħtu ruħhom għax-xogħol tal-konversjoni tal-erwieħ qalb is-suwed tal-Indja u taċ-Ċina, kif ukoll għall-ġid tal-Ġurnata Missjunarja, u fuq il-ġenerożità ta' qalb nisranija li b'wegħda tagħti ġidha għall-edukazzjoni ta' tfajjel imsejjaħ għas-saċerdozju u għall-Missjoni.' Minn hemm l-artikolista jgħaddi għall-kritika fejn jgħid hekk:

> *'Bħala bċejjeċ teatrali għar-radjo jistgħu jgħaddu u għandhom il-preġju tagħhom, għal dik li hi propaganda, u wieħed jista' jagħder xi nuqqasijiet fit-teknika drammatika, l-iktar fid-djalogar u fid-diċitura li f'xi bnadi jitb(i)egħdu mix-xeħta naturali u letterarja. Ħabat tajjeb li r-radjo jgħatti ħafna, l-iktar fejn l-azzjoni m'għandhiex dik l-unità ta' żmien u lok li tiħtieġ l-istess azzjoni b'att wieħed fuq il-palk'.*



'L-Ilma li Jfejjaq', dram Marjan f'żewġ atti ta' Dun Anton Xiberras

F'paġna 45 tal-istess djarju Naxxari Dun Anton jikteb ukoll fuq xogħol ieħor minn tiegħu, 'L-Ilma li Jfejjaq', dramm f'żewġ atti li hu kiteb għall-Kumpannija tal-Ġuvintur tal-A.K. ta' San Ġiljan. Id-dramm kien inħadem għall-ewwel darba fit-Teatru Melita ta' 31, Carmel Street iżda l-awtur ma jagħtix data ta' meta saret din ir-rappreżentazzjoni u jgħid biss li 'ntogħġob mhux ftit'. Id-dramm kien reġa' nħadem mill-istess Kumpannija fit-Teatru tal-A.K. ta' Ħal-Tarxien tmint ijiem wara fejn inkisbu l-istess riżultati. Skontu, dan id-dramm kien 'maħdum bil-ħeġġa ta' żgħażagħ li fehmu s-suġġett sewwa' tant li, 'għamel enfasi kbira fost il-platea li attendew estatiċi'. Il-ġrajja fil-qosor ta' dan id-dramm titratta dwar Alfonsu, żagħżugħ belhani u agħma, li bil-għajnuna ta' ħuh Pinu jmur Lourdes u jfiq b'miraklu wara li jinżel fil-pixxina tal-ilma li jfejjaq. Iżda, ma' dan il-miraklu jseħħ ieħor ma' missierhom u sieħbu, is-Sur Tankredi, li qabel kienu xettiċi u issa saru jemmnu fis-setgħa tal-Madonna wara li raw lil Alfonsu jfiq b'għajnejhom stess.

F'*Xaqq Dawl* ta' Ġunju – Lulju 1952, ir-IV Sena, Nri 38 u 39, fil-paġna 'Mill-Parroċċa', l-editur faħħar il-progress li kien qed isir mill-kumpanija teatrali permezz ta' dawn ir-radjodrammi u attivitajiet oħra ġewwa t-teatru tal-A.K.: 'Il-Kumpanija tat-Teatrin tal-Azzjoni Kattolika tagħna mexjin bir-riħ fil-qala' u t-Teatru Melita qed jagħti gost lil kulħadd. Is-Sibt u l-Ħadd dejjem fgat bin-nies għat-talkies u għar-rappreżentazzjonijiet tassew sbieħ.' L-istess għamel fil-ħarġa Nru 1, il-Ħames Sena, Novembru tal-istess sena meta ħabbar li: Fit-TEATRU MELITA, immexxi mill-Irġiel tal-A.K. saru ħafna rappreżentazzjonijiet sbieħ matul is-sajf kollu. Ħadmu l-Kumpanniji tal-Ġuvintur u tal-irġiel, il-Kumpanija ALBA, taċ-Ċirklu ta' B'Kara 'S. Pietru' u l-famuż Chris Van Bern[37] bil-logħob tal-bużullotti u telepatija. U għadu jaħdem

[37] Wieħed ma jridx jitfixel dan il-bużullottista ta' fama mondjali mal-illużjonista Malti Crist Van Bern li ismu proprja kien Mikiel Pace (1908-77), imwieled Ħal Tarxian u li għex ħajtu kollha l-Belt. Għal xi raġuni, Pace kien għażel kważi l-istess psewdomu tal-prestiġġjatur Irlandiż bħala isem għall-palk. Iżda, biex dak li jkun ma jitgerfixx fl-isem, Pace neħħa l-eħħe minn wara l-ittra 'c' u daħħal l-ittra 't' fit-tarf biex ismu ġie jaqra Crist minflok Chris. (Ref.: Farrugia Joe Julian: *Għamlu Isem – l-Ewwel Ktieb*: Klabb Kotba Maltin, 2015) F'paġna ħamsa tal-bullettin *Xaqq Dawl* ta' Settembru 1949, l-I Sena, Għadd Nru 5 kien ġie rrapurtat minn korrispondent li l-illużjonista Malti u l-kumpanija teatrali Maleth kienu taw programm ta' varjetâ sabiħ ħafna fil-klabb tan-Neptunes. Bi żvista, il-korrispondent kien niżżel l-isem Christ minflok Crist. Bħala wieħed mill-*entertainer*s magħrufin ta' dak iż-żmien kien jissemma wkoll il-*crooner* Amerikan George Formby (1904-61) li kien ikun sikwit fir-*Rocky Vale* jkanta u jdoqq il-banjo biex iferraħ lill-forzi armati. Dan il-post ta' divertiment mużikali u *skating* kien infetaħ fis-27 ta' Awwissu 1937. Mhux l-ewwel darba li xi residenti li kienu joqogħdu fl-inħawi ta' Wied Għomor ilmentaw fil-ġurnali peress li kien idum jopera sas-siegħa ta' filgħodu. Min-naħa tiegħu, Dun Karm Calleja kien kiteb żewġ makkjetti bil-Malti fuq ġiex kanzunetti famużi fir-repertorju ta' Formby: *Singing Hi* ... u *Oh Sergeant Major*. (Ara San Ġiljan 100 Sena Parroċċa, pġ. 111)

dejjem 'il quddiem.' L-istess tagħrif eżatt ingħata fil-ħarġa ta' Novembru 1953, il-V Sena, Għadd Nru 1.




**Chris Van Bern (bużullottista)**: Dawn it-tip ta' numri divertenti kienu jkunu mistennija ħafna mill-udjenzi li dari kienu jiffrekwentaw bi ħġarhom it-teatrini. Fil-ktieb tagħha, Mahoney issemmi numru ta' attrazzjonijiet mhux tas-soltu li kienu jiddaħħlu fil-varjetà,fosthom id-daqq tas-serrieq u tal-orgni tal-ħalq (*mouth organ*), tisfir jew tpespis tal-għana ta' għasafar differenti għall-isfond tal-mużika, u tal-bużullotti jew logħob bil-maġija. Wieħed minn dawn tal-aħħar kien proprju l-bużullottista ta' fama mondjali, Thomas Byrne (Chris Van Bern) li twieled fl-1871 ġewwa Liverpool minn ġenituri Irlandiżi. Fil-wirjiet tiegħu kien ikun assistit minn martu stess, Cora Lister (magħrufa wkoll bħala Iva Voyce). In-numri tagħhom, magħrufin bħala 'atti indeskrivibbli', kienu jikkonsistu mhux biss f'maġija, imma wkoll, f'mużika, f'affarijiet li jidhru jew jisparixxu f'leħħa ta' berqa skont il-ħeffa tal-idejn, u fil-famuża bużullotta tal-ilma li jsir inbid. Ħafna mill-bużullotti oriġinali tiegħu kienu ġew ippubblikati fi ktieb. Okkupa diversi karigi importanti f'soċjetajiet tal-maġija u rebbieħ ta' għadd ta' midalji internazzjonali.Van Bern miet fl-1950.

Intant, minn *Xaqq Dawl* ta' Settembru 1951, it-III Sena, Għadd Nri 27, 28, 29, pġ. 10, insiru nafu wkoll li, is-serata ta' nhar il-festa ta' San Tarċisju mill-Aspiranti 'ntemmet billi l-kumpanija tal-A.K. 'San Ġiljan' ippreżentat it-tielet att mid-dramm *San Ġiljan* ta' C. Calleja, maħdum tajjeb, speċjalment minn Eudo u S. Ġiljan.'

**Kumpannija Bonitas**: Jidher ukoll li, fis-sena 1952 twaqqfet it-tieni kumpanija tat-tijatrin, din id-darba fi ħdan iż-żgħażagħ ġuvintur membri taċ-Ċirkolu. Din l-informazzjoni jagħtihielna *Xaqq Dawl* ta' Ġunju - Lulju 1952, ir-IV Sena, Nri 38 u 39: 'il-Kumpanija tat-tijatrin tal-Ġuvintur minn *Spectator*: Bit-tħabrik ta' ħafna mill-membri żgħażagħ taħt id-direzzjoni ta' Carmelo Borg, fiċ-Ċirkolu twaqqfet kumpanija tat-tijatrin. Fi żmien xahrejn tat ħafna programmi u għamlet progress ġmielu. Ħafna Ġuvintur li qatt ma telgħu fuq palk qe(għ)din jitħajru jieħdu parti. Jidher li ser ikollha ħajja twila, għax, għalkemm ġuvintur, ix-xogħol qed isir bis-serjetà. Bi ftit aktar propaganda u bi ftit inkoraġġiment, din il-Kumpanija tista' tiswa ta' ħafna ġid, kemm għall-poplu Ġiljaniż u wkoll għall-istess membri, barra milli wkoll tkun ta' propaganda għall-Azzjoni Kattolika.' Hu jagħlaq in-nota tiegħu billi jżid jgħid li, 'dawk il-ftit Ġuvintur li jiffurmaw il-Kumpanija tat-Tijatrin għad jikbru u jkunu jiffurmaw kumpanija organizzata u li ta(għ)ti programmi sbieħ. Nittamaw li ma tidħol qatt l-GĦIRA li ġġarraf kull għaqda u tkisser ir-rabta bejn il-membri. Skont l-istess ħarġa tal-bullettin jidher li, id-debutt tagħhom ġie meta 'ħadmu fuq ir-Rediffusion *Radio-Play* ta' Dun Anton, *Sehem Ċkejken*, il-Ħadd 25 ta' Mejju tas-sena msemmija.


Dun Karm Calleja (1927-2013)

Minn *Xaqq Dawl* ta' Ġunju 1954, is-VI Sena, Għadd Nru 2, insiru nafu li, l-istaġun tat-teatrin fit-Teatru Melita kien jiftaħ mal-festa tal-Għid. Infatti, fis-sena msemmija, l-istaġun fetaħ 'bi programm ippreżentat mill-Kumpannija tas-Sur Luċjan Pullicino. Ftit wara ħadmet il-*Bonitas Company* tal-Azz. Katt. tal-Ġuvintur immexxija minn Dun Karm Calleja. Pullicino ħadem ukoll fit-22 ta' Mejju bis-*Sigriet tal-Qrar* u fis-6 ta' Ġunju l-*Kumpannija Bonitas* ippreżentat

id-Dramm ta' Shakespeare, *Il-Merkant ta' Venenzja* wara li l-istess dramm ħadmitu l-Imsida. Il-Ġuvintur kienu ħadmu wkoll is-Sacro Cuor, Tas-Sliema.' Minn dan l-artiklu żgħir li deher fir-rokna 'Ħajja Parrokkjali' insiru nafu abjad fuq l-iswed li, il-kumpanija tal-ġuvintur tal-A.K., bl-isem ta' *Bonitas Company*[38] (jew *Kumpannija Bonitas*) kienet fdata f'idejn Dun Karm Calleja, filwaqt li dik tal-irġiel tal-A.K., bl-isem ta' *Kumpanija Filodrammatika San Ġiljan*, jew *St. Julian's Dramatic Company*, jonkella *Kumpanija San Ġiljan*, kien jieħu ħsiebha Luċjan.

Sa sena wara, jiġifieri fl-1955, it-Teatru Melita kien għadu jintuża billi fil-bitħa kienu ġew organizzati xi attivatijiet b'rabta mal-karnival. Minn *Xaqq Dawl* ta' Marzu, is-VII Sena, Għadd Nru 1, mill-aħbarijiet tal-parroċċa li dehru f'paġna 5 insiru nafu li forsi għall-ewwel darba kien sar programm organizzat għat-tfal fil-jiem tal-karnival. Il-programm kien jinkludi xi reċti u *film-strip shows*.

L-aħħar darba li nisimgħu bit-Teatru Melita f'*Xaqq Dawl*, għax imbagħad dan il-bullettin parrokkjali jidher li kien waqaf mill-pubblikazzjoni tiegħu, hu fil-ħarġa ta' Ġunju 1955, is-VII Sena, Għadd Nru 2. Fis-soltu rokna ddedikata lill-'Ħajja Parrokkjali', l-editur jgħarrafna li: 'fis-Sala Kattolika s-Sur Leone Cefai qed jagħmel ħiltu kollha biex iġib Kumpannija msemmija u jagħti serati sbieħ tassew. Darba f'ġimgħa, għallinqas q(i)egħda ssir konferenza bis-*slides* jew mingħajr, minn diversi kelliema. Prosit.' Fl-istess ħarġa wkoll, insibu li parti mill-programm tal-festa ta' Sant' Antnin ta' Padova, Patrun taċ-Ċirkolu ta' San Ġiljan, it-Tnejn 27 ta' Ġunju 1955 @ 7.00 pm kienet ittellgħet Akkademja li kienet tinkludi wkoll xi fares u makkjetti.

Wara s-sena msemmija ma nistgħux ngħidu kif baqgħu eżattament dawn iż-żewġ kumpaniji fi ħdan iċ-Ċirkolu tal-A.K. ta' San Ġiljan. Madankollu, żgur li sal-bidu tas-snin sittin tas-seklu għoxrin, Luċjan kien għadu attiv bil-kumpanija tiegħu fis-Sala Kattolika fi Triq il-Karmnu fix-xhur tas-sajf b'reċti regolari. Dan insiru nafuh mill-artiklu, 'Il-ħidma tal-Knisja għat-tagħlim ta' wliedna' li kien deher fil-programm tal-festa ta' San Ġiljan 1960. Fl-imsemmija sena wkoll, il-Kumpanija *Stardust* kienet reġgħet tellgħet *Dar ix-xjuħ*, kummiedja f'taqsima waħda ta' Jean Madeline, maqluba għall-Malti u lokalizzata minn Ivo Muscat Azzopardi.[39] Sa sena qabel ukoll, is-*St. Julian's Dramatic Company* kienet ippreżentat il-*Leġġenda ta' San Ġiljan*, dramm oriġinali ta' Luċjan. Iżda anki hawnhekk, dan insiru nafuh mill-ktieb ta' Mahoney.

**Tmiem il-Melita Open Air Theatre**: Għadda ż-żmien u t-*Teatru Melita* waqaf jopera għalkollox. Meta eżatt ma nafux. Biss, minn intervista li kienet saret lill-koppja veterana Tabone, u li dehret fil-Mixja ta' Ġunju 1994, pġ. 4-5, is-Sinjura Tabone kienet irrakkuntat kif id-dar bi ġnien żgħir magħha li kienet proprjetà tas-Sur Ġużè Pace Bonello mbagħad spiċċat mikrija għandhom. It-Tabib u s-sinjura tiegħu kienu ġew joqogħdu San Ġiljan fl-1941. Aktar tard kienu ħadu wkoll it-teatrin li kien bieb ma' bieb mad-dar biex ma jibnux ġo fihom. Fl-istess intervista, is-sinjura tirrakkonta li hi kienet ittella' 'l uliedha fuq il-bejt biex jaraw lin-Nosi Ghirlando u l-kumpanija tiegħu jirreċtaw. Hija tiftakar sewwa li l-bitħa kienet tkun mimlija bil-bankijiet u n-nies kienet tikkonkorri bi ħġarha.

---

[38] Ta' 14-il sena, Tony Agius, li twieled fl-1940, u li mbagħad ħafna aktar tard sar Kappillan tal-parroċċa ta' San Ġiljan, kien wieħed minn dawk il-ġuvintur li ngħaqad ma' din il-kumpanija teatrali mwaqqfa fi ħdan l-A.K. minn Dun Karm Calleja. Minn kif jirrakkonta hu stess: 'Niftakarni nirriħersja l-parti ta' Bob Cratchet fil-*play* ta' Scrooge ...' Skontu wkoll, it-Teatru Melita kien jimtela malajr bit-tfal tad-duttrina u l-ġenituri tagħhom. Fl-istess artiklu hu jistqarr li, il-fama tal-kumpanija teatrali ġriet ukoll f'xi nħawi fosthom, il-Kalkara, peress li dakinhar kellu parti fi skeċċ komiku ta' nisrani li jeħodha ma' wieħed Tork fuq l-għadd ta' qaddisin. Il-programmi kienu jkunu varjati u jinkludu wkoll xi kanzunetti. Interessanti l-fatt li, meta ma kinux isibu pjanu biex jakkumpanjahom, kien jidħol Luċjan Pullicino bil-kitarra. (Ref.: San Ġiljan 100 Sena Parroċċa).

[39] *Ibid.* Nru. 4.




Luċjan b'sigarett f'ħalqu jippoża ħdejn kartellun li huwa pitter għad-dramm tiegħu stess 'Il-Leġġenda ta' San Ġiljan' li sar fil-Veritas Hall (illum id-Deporres Hall), Tas-Sliema

**Luċjan pittur**: Luċjan kien ukoll ipitter għadd ta' kartelluni artistiċi. *Xaqq Dawl* t'April 1951, it-II Sena, Għadd Nru 24, pġ. 9, jgħarrafna li, 'kartelluni tassew artistiċi, maħdumin mis-Sur Luc. Pullicino, twaħħlu fit-tokk tal-Parroċċa, quddiem il-Knisja parrokkjali, il-Balluta u Spinola, li jfakkru fis-Sagrifiċċju ċkejken li wieħed jiċċaħħad mit-tipjip u mid-diskors nhar il-Ġimgħa l-Kbira bħala tpattija għas-Sagrifiċċju l-Kbir tal-Golgota.' Fil-ħarġa tax-xahar ta' wara, it-III Sena, Għadd Nru 25, insibu dan li ġej: 'Twaħħlu kartelluni oħra tas-Sur L. Pullicino dwar il-Familja, li huwa l-istudju tas-sena soċjali tal-A.K.M. Ħadna gost nosservaw li l-inizzjattiva mibdija mill-Ġuvintur għal bidu tas-sena issa qed tiġi mwettqa mill-id esperta tas-Sur Pullicino (Irġiel). Prosit tassew u ngħidulu jkompli.' Luċjan ma kienx ipenġi katelluni artistiċi biss għall-parroċċa ta' San Ġiljan, imma wkoll għall-okkażjonijiet oħra, fosthom kartelluni biex jirreklama rappreżentazzjonijiet li kienu jsiru mill-kumpanija teatrali tiegħu, kemm ġewwa, kif ukoll barra r-raħal. Fir-ritratt tal-ġenb naraw lil Luċjan jippoża ħdejn wieħed minnhom li huwa kien għamel għad-dramm oriġinali tiegħu *Il-Leġġenda ta' San Ġiljan*. Dan ix-xogħol kellu jittella' mill-kumpanija tiegħu stess fil-*Veritas Hall* f'Tas-Sliema, li mbagħad aktar tard saret id-*Deporres Hall*, nhar il-Ħadd 12 ta' Diċembru. Wara dan id-dramm reliġjuż kellu jkun hemm ukoll xi farsa.

Għeluq: Għall-Annwal tas-sena d-dieħla, fit-tielet parti minn din is-sensiela ta' kitbiet iddedikati lill-memorja ta' Luċjan Pullicino ser inkunu qegħdin nitkellmu dwaru bħala kittieb għall-palk u direttur teatrali, kif ukoll dwar is-sehem attiv tiegħu fil-wirjiet missjunarju li għal xi snin kienu jsiru fix-xahar t'Ottubru u xandiriet ta' radjudrammi bl-istess tema fuq ir-*Rediffusion*. Dawn l-attivitajiet kienu jiġu organizzati mill-A.K. ta' San Ġiljan bit-tħabrik ta' Dun Anton Xiberras.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)